**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 12 ta' Marzu 2024**

Rikors Numru: 9/24 AL

A B

vs

C D

(M.R. Numru 1733/2000)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi l-partijiet ikkuntrattaw iz-zwieg taghhom celebrat fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Settembru, tas-sena elfejn (2000) u liema zwieg jinsab registrat mar-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv elf sebgha mija u tlieta u tletin (1733) tas- sena elfejn

(1733/2000) (kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok A).

2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ghandhom zewgt itfal E ta' tnejn u ghoxrin (22) sena u F ta' ghoxrin (20) sena.

3. Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt min-Nutar Dottor Fiona Zammit Armeni datat tnax (12) t' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017) (kopja hawn annessa u mmarkata Dok B).

4. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li jinsabu legalment separati huma llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

5. Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut minn parti lil ohra fir-rigward tal-bzonnijiet tal-parti l-ohra tenut kont li, permezz tal-istess kuntratt ta' firda personali, huma rrinunzjaw mid-dritt rispettiv taghhom illi jitolbu u/jew jircievu manteniment minghand xulxin kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur.

6. Illi fir-rigward tal-manteniment dovut lil F u E, filwaqt li F waqaf mill-istudju tieghu u kwindi m'hemm ebda manteniment dovut ghalih jskont klawsola 13 tal-istess kuntratt ta' firda personali, E hija wkoll maggjorenni u tghix indipendentement mill-ġenituri taghha minghajr htiega ta' manteniment minghandhom.

7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta)

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg celebrat bejn il-partijiet fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Settembru, tas-sena elfejn (2000).

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal- partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz tagħha jissottometti :

Illi huwa ma jsibx oġġezzjoni sabiex iż-żwieġ bejn il-partijiet jiġi maħlul skont kif inhu maħsub fl-Artikolu 66A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u dan stante illi l-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili ġew kollha sodisfatti;

Tant għandu x'jissottometti l-esponenti;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tal-31 ta' Jannar 2024;

Rat ir-risposta tal-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-12 ta' Ottubru 2017;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.